MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTON DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 60/1993/1

**Noel Ellul, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetá Formosa & Camilleri Limited, agenti Malta tas-socjetá assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjetá Elektra Limited, u b'nota tat-13 ta' Gunju, 1994 Dr. Joseph Zammit McKeon assuma l-atti ghan-nom tas-socjetá attrici minflok Noel Ellul u b'nota tas-sebgha (7) ta' April, 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetá Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjetá estera Guardian Royal Exchange Assurance plc assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjetá Formosa & Camilleri Ltd.**

**vs.**

**Francis Vella, bhala direttur, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetá Express Trailers Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attur Noel Ellul, fil-kwalitá tieghu premessa, wara illi ppremetta :**

**Illi s-socjeta` Elektra Limited importat mir-Renju Unit hmistax (15)–il *pallets* ta' materjal elettriku u inkarigat lis-socjeta` konvenuta biex titrasporta l-merkanzija mill-mahzen tal-fornituri sal-mahzen tas-socjeta` importatrici permezz ta' *trailer*;**

**Illi t-*trailer* wasal Malta fuq il-bastiment 'Zebbug' fil-15 ta' Novembru 1991 u ittiehed fil-*'bonded stores'* tas-socjeta` konvenuta;**

**Illi meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-merkanzija minghand is-socjeta` konvenuta, sab li kien hemm in-nuqqas u l-hsara deskritti fis-*Schedule* tas-*'Small Claim' Information Form* tal-*Institute of London Underwriters* datat 24 ta' Jannar 1992 li huwa anness u markat Dok.NE1;**

**Illi ghal dan in-nuqqas u hsara, l-assigurazzjoni attrici hallset lill-importatur, kif obbligata, s-somma ta' elf tmien mija, hamsa u sebghin Lira u ghoxrin centezmu (Lm1,875.20c) oltre s-somma ta' mija hamsa u sebghin Lira (Lm175.00c) bhala *survey fees*, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur assigurat skond l-annessa surroga markata Dok.NE2 li hija datata 17 ta' Settembru 1992;**

**U illi l-konvenut nomine huwa responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferiti;**

**Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :**

**1. Tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq imsemmija; u**

**2. Tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lill-attur nomine is-somma ta' elf tmien mija, hamsa u sebghin Lira u ghoxrin centezmu (Lm1,875.20c) flimkien mas-somma ta' mija, hamsa u sebghin Lira (Lm175) bhala *survey fees*, b'kollox elfejn u hamsin lira u ghoxrin centezmu (Lm2,050.20c) bl-imghax legli mis-7 ta' Settembru 1992, *in linea* ta' danni sofferti mid-ditta importatrici u li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lill-atturi nomine;**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li huwa ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esibiti maghha;**

**Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi permezz taghha eccepixxa :**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi huwa garr il-merkanzija fl-istat u kundizzjoni u kwantita' li giet kunsenjata lilu u ma' kienx involut fl-istivar jew *'packaging'* tal-istess merkanzija;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat id-digriet ta'l-ghaxra (10) ta' Novembru, 1993 illi permezz tieghu l-Avukat Dottor Tonio Grech gie nominat bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici, wara illi jiehu konjizjoni ta'l-eccezzjonijiet, u sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet kollha illi ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;**

**Ezaminat ir-relazzjoni ta'l-imsemmi perit legali, debitament mahlufa fl-udjenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu, 2002;**

**Ezaminat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi, kif qal tajjeb l-abbli perit legali f'pagina 7 tar-relazzjoni tieghu, hemm qbil bejn il-kontendenti dwar il-fatti segwenti :**

**"… Elektra Limited, assigurata mas-socjetà attrici, inkarigat lis-socjetà konvenuta sabiex tittrasporta merkanzija ta' materjal ta'l-elettriku mill-Ingilterra sa Malta. Meta waslet Malta però nstab li l-merkanzija giet mimsusa u waslet bin-nieqes skond Dok. NE1, Small claim information form u schedule tal-Institute of London Underwriters datat 24 ta' Jannar 1992. Minnflok 15 pallets Elektra Limited rceviet 12 pallets u 3 cartons …";**

**Ikkunsidrat :**

**Illi ma tistax ma tirrimarkax illi filwaqt illi fl-att ta' citazzjoni u fid-dikjarazzjoni relativa jinghad illi l-merkanzija in kwistjoni giet trasportata lejn Malta bil-vapur 'Zebbug', minn diversi dokumenti esibiti (fosthom il-'Groupage Manifest', Dok. JJ1) jirrizulta illi dan it-trasport sar permezz tal-vapur 'Pinto';**

**Ikkunsidrat :**

**Fl-analizi tieghu tal-provi prodotti l-gharef perit legali, fost affarijiet ohra, qal hekk :**

**"Illi … wiehed ghandu jifli id-dokumenti u x'xhieda li juru f'liema stat is-subappaltatur tas-socjetà konvenuta gewwa l-Ingilterra (u cjoè EUF), kien ircieva l-merkanzija minghand is-shipper u cioè Light Source Electrical Equipment Ltd. (jew l-agent taghha J G Osborne Ltd li hija s-socjetà illi mill-post taghha ittiehdet il-merkanzija mid-driver ta' EUF).**
**"Mill-korrispondenza li Elektra Limited kellha ma Light Source Electrical Equipment Ltd. (Dok. ZM1, ZM2, ZM3 u ZM4) ma jirrizultax illi l-merkanzija ittiehdet**

**minn EUF fi stat tajjeb u komplut. Fid-Dok. ZM4 insibu illi :**

**'All were on packed pallets but the driver (*ta' EUF*) refused to accept them unless they were first stripped down.**
**The pallets were thus stripped down in front of the driver and immediately loaded onto his trailer.**
**We confirm as agents in the affair that everything was loaded in front of the driver and dispatched.'**

**"Imkien ma ntqal illi l-merkanzija kollha kienet moghtija lid-driver ta' EUF u l-ebda ricevuta ta' EUF li turi illi l-merkanzija giet fil-fatt konsenjata fit-total taghha lid-driver ta' EUF [ma tirrizulta].**
**"Ghal kuntrarju id-Dok. FV3, id-dokument li d-driver ta' EUF gie mitlub jiffirma meta gabar il-merkanzija, juri l-kwalifika 'uncounted and unchecked - damaged cartons'. Di più is-CMR consignment note (Dok. FV1) jindika '12 pallets & 3 cartons. Some open' u r-ricevuta li harget EUF go l-Ingilterra ghall-merkanzija in kwistjoni, u cioè Dok. FV2, turi 12 pallets & 3 cartons, l-istess ammont li wasal Malta u li gie konsenjat lil Elektra Limited (ara ukoll xhieda ta' Francis Vella - Seduti IX u X). Ma jirrizultawx provi li Light Source Electrical Equipment ikkontestat dik ir-ricevuta."**

**Il-Qorti taqbel ma' din l-analizi u, konsegwentement, taqbel ukoll ma' dak illi jghid l-gharef perit legali f'dik il-parti tar-relazzjoni tieghu intitolata "KONKLUZJONI" u cioè :**

**"Fil-fehma ta' l-esponenti u ghar-ragunijiet premessi, l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta illi hija garret il-merkanzija fl-istat u kundizzjoni u kwantità li giet konsenjata lilha ghandha tigi milqugha. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti."**

**Ghal dawn il-motivi :**

**Tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut nomine u tirrespingi t-talbiet attrici;**

**Tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza jigu sopportati mill-attur nomine.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------